



Brussell, 8 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

5071/19

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2019/0001 (COD)

---

FRONT 1  
VISA 2  
DAPIX 2  
CODEC 15  
COMIX 2

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 3 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TALK-KUNSILL li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 u r-Regolament (UE) ssss/xxx [ECRIS-TCN]

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 3 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 3 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.1.2019  
COM(2019) 3 final

2019/0001 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn u  
li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 u r-Regolament (UE) ssss/xxx [ECRIS-TCN]**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

F'Settembru 2018, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw żewġ atti leġiżlattivi: Regolament li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġgar (“ETIAS”)<sup>1</sup> u emenda tar-Regolament dwar il-Europol għall-fini li tīgħi stabbilita l-ETIAS<sup>2</sup>.

It-twaqqif tal-ETIAS huwa wieħed mill-isforzi mwettqa fis-snin riċenti fil-livell tal-UE biex tīgħi mtejba s-sigurtà taċ-ċittadini u tīgħi evitata l-migrazzjoni irregolari f'Ewropa miftuħa, filwaqt li tīgħi żgurata u tkompli tissahħħa il-ġestjoni tal-fruntieri esterni<sup>3,4</sup>. Il-kuntest u l-istabbiliment tas-sistema ġew imħabba fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2016. Il-President Juncker qal: “*Se niddefendu l-fruntieri tagħna [...] b'kontrolli stretti [...] fuq kull persuna li tkun qed taqsam fruntiera. Kull darba li xi ħadd jidħol u joħroġ mill-UE, se jkun hemm rekord ta' meta, fejn u għalfejn. Sa Novembru [2016], se niproponu Sistema ta' Informazzjoni tal-Ivvjaġġgar Ewropea – sistema awtomatizzata li se tiddetermina min se jithħalla jivvjaġġa lejn l-Ewropa. B'dan il-mod se nkunu nafu min qed jivvjaġġa lejn l-Ewropa qabel ma jasal hawn*”.

L-ETIAS se timla l-informazzjoni nieqsa dwar il-vjaġġaturi li huma eżentati mill-obbligi li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni. L-ETIAS se tiddetermina l-el-ġibbiltà ta' ċittadini ta' pajiżi terzi li huma eżentati mill-ħtieġa ta' viża qabel ma jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen, u jekk tali vvjaġġar joħloqx riskju għas-sigurtà, riskju għall-immigrazzjoni irregolari jew riskju epidemiku għoli. L-ETIAS se tagħti wkoll lill-vjaġġaturi s-serħan tal-moħħ li jkunu jistgħu jaqsmu l-fruntieri bla xkiel. Jekk ikun meħtieġ, awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tista' tīgħi miċħuda mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS.

Il-valutazzjoni ta' tali riskji se tinvolvi l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali pprovduta fl-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. Ir-Regolament dwar l-ETIAS jistabbilixxi li d-data personali fl-applikazzjonijiet se titqabbel mad-data li tinsab fir-rekords, fajls jew allerti rreġistrati f'sistemi ta' informazzjoni jew bażijiet ta' data tal-UE (is-Sistema ċentralizzata ETIAS, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (“SIS”), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (“VIS”), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (“EES”) jew il-Eurodac), fid-data tal-Europol jew fil-bażijiet ta' data tal-Interpol (il-bażi ta' data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-IVVJAġġgar Misruqin u Mitlufin (“SLTD”) jew fil-bażi ta' data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-IVVJAġġgar Assoċjati ma' Avviżi (“TDAWN”))<sup>5</sup>.

Filwaqt li r-Regolament jiddefinixxi fl-Artikolu 20 tiegħu liema grupp ta' data mill-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS jista' jintuża biex jiġu kkonsultati s-sistemi l-oħrajn, mhux din id-data kollha hija miġbura jew irreġistrata bl-istess mod fis-sistemi ta' informazzjoni oħrajn tal-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġgar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tīgħi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġgar (ETIAS)(ĠU L 236, 19.9.2018, p. 72).

<sup>3</sup> COM(2016) 602 final.

<sup>4</sup> COM(2016) 205 final.

<sup>5</sup> L-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 imsemmija fin-nota f'qiegħ il-paġña (1).

UE u fid-data tal-Europol. Pereżempju f'waħda mis-sistemi, jiddaħħal il-“pajjiż tal-ħruġ ta’ dokument tal-ivvjaġġar” filwaqt li f’oħra l-istess *data* tiġi rreġistrata mod ieħor, eż. bħala “kodiċi bi tlett ittri tal-pajjiż ta’ ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar.” F’każżejjiet oħra, kategorija ta’ *data* hija miġbura f’sistema waħda iżda mhux f’oħra. Pereżempju, “l-ewwel isem tal-ġenituri ta’ applikanti” huma miġbura mill-ETIAS, iżda mhux fil-maġġoranza tas-sistemi l-oħra li jridu jiġu kkonsultati mill-ETIAS.

Apparti dan, fiż-żmien li ġiet adottata l-proposta tal-ETIAS<sup>6</sup>, is-sitwazzjoni fir-rigward ta’ sistemi ta’ informazzjoni tal-UE differenti li jridu jiġu kkonsultati mill-ETIAS kienet differenti mil-lum. Fiż-żmien li ġiet adottata l-proposta tal-ETIAS, ġie propost li jiġu stabiliti żewġ sistemi ta’ teknoloġija tal-informazzjoni tal-UE ġodda oħra: kienu għadhom għaddejjin id-diskussionijiet dwar ir-Regolament<sup>7</sup> EES meta l-proposta tal-Kummissjoni dwar is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali – Ċittadini ta’ Pajjiż Terz (“ECRIS-TCN”)<sup>8</sup> kienet eżatt waslet biex tiġi proposta. Fir-rigward tas-sistemi ta’ informazzjoni eżistenti, it-testi ġuridiċi tas-SIS kienu qed jevolvu minħabba r-reviżjonijiet proposti fil-qafas legali tas-SIS f’Diċembru 2016, li ġew finalment adotatti minn koleġiżlaturi f’Novembru 2018<sup>9</sup>. Ir-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac<sup>10</sup> kienet ġiet proposta wkoll mill-Kummissjoni bħala parti mir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, iżda kienet għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi<sup>11</sup>. Ir-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac għad trid tiġi adottata mill-koleġiżlaturi llum.

Abbażi ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-Regolament dwar l-ETIAS jistipola, fl-Artikolu 11(2) tiegħu li: “L-emendi għall-atti legali li jistabbilixxu s-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE li huma meħtieġa għall-istabiliment tal-interoperabbiltà tagħhom mal-ETIAS, kif ukoll iż-żieda ta’ dispożizzjonijiet korrispondenti f’dan ir-Regolament, għandhom ikunu s-suġġett ta’ strument legali separat”.

Il-proposta attwali, għalhekk, għandha l-ġħan li tistabbilixxi l-emendi tekniċi meħtieġa biex tiġi stabilita b’mod sħiħ is-sistema tal-ETIAS billi jiġu emendati l-atti legali dwar is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-UE rigward it-tfittxijiet tal-ETIAS. Il-proposta attwali tistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti u temenda r-Regolament dwar l-ETIAS skont dan.

L-ewwel nett, l-inizjattiva attwali tistipula l-emendi fir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN, li riċentement instab “ftehim fil-prinċipju” dwaru mill-koleġiżlaturi. B’hekk, skont l-intenzjoni espressa mill-koleġiżlaturi fir-Regolament dwar l-ETIAS<sup>12</sup> issa huwa possibbli li jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet meħtieġa fil-ETIAS dwar ir-relazzjoni bejn il-ETIAS u l-ECRIS-TCN u biex l-ECRIS-TCN tiġi emedata skont dan.

<sup>6</sup> COM(2016) 731 final.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2226 li jistabbilixxi s-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) tad-9 ta’ Diċembru 2017, ĠU L 327, p. 20.

<sup>8</sup> COM(2017) 344 final.

<sup>9</sup> COM(2016) 883 final, COM(2016) 882 final, COM(2016) 881 final.

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-istabiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta’ marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbi biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma’ *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta’ infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

<sup>11</sup> Ir-Regolament dwar l-ETIAS żamm ir-referenzi għall-Eurodac li kienu parti mill-proposta tal-Kummissjoni tal-ETIAS, filwaqt li jispeċifikaw, fl-Artikolu 97 tar-Regolament dwar l-ETIAS (UE) 2018/1240, li d-dispożizzjonijiet relatati mal-konsultazzjoni ta’ Eurodac se japplikaw biss ladarba se tapplika r-riformulazzjoni tal-Eurodac.

<sup>12</sup> Il-premessa (58) tar-Regolament (UE) 2018/1240 imsemmija fin-nota f’qiegħ il-paġna (1).

It-tieni nett, l-inizjattiva attwali għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi r-relazzjonijiet bejn l-ETIAS u s-SIS. Il-qafas legali rivedut tas-SIS ġie adottat f'Novembru 2018. Il-proposta attwali tinkludi emendi konsegwenzjali li jirriżultaw mill-adozzjoni tar-Regolamenti ġodda tas-SIS. Skont il-qafas legali ġdid tas-SIS ġie propost li tiġi inkluża kategorija ta' twissija ġidha dwar kontrolli ta' investigazzjoni<sup>13</sup> għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. Mhuwiex propost li tiġi inkluża kategorija ta' allert dwar deċiżjonijiet tar-ritorn peress li tali allerti jitħassru fil-mument meta tiġi implimentata deċiżjoni ta' ritorn. Dan ifisser li persuni li japplikaw għal awtorizzazzjoni tal-ETIAS wara li jkunu telqu mill-UE – b'definizzjoni –mhux sejkollhom rekord ta' ritorn fis-SIS. It-tielet nett, l-inizjattiva attwali tfitħex li temenda r-Regolament dwar l-EEAS biex tistabbilixxi teknikament ir-relazzjoni tagħha mal-ETIAS.

Ir-raba' nett, l-inizjattiva timmira wkoll li temenda r-Regolament VIS tagħha sabiex tippermetti li l-VIS tirċievi, tipproċċa u twieġeb id-domandi tal-ETIAS. Għalkemm f'Mejju tal-2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda r-Regolament dwar il-VIS sabiex taġġorna dik il-bażi ta' *data*, l-inizjattiva attwali tressaq emendi fir-Regolament VIS attwalment fis-seħħ, peress li n-negozjati dwar il-proposta għall-VIS aġġornata mhumiex avvanzati bizznejjed. Madankollu, jekk il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament VIS tiġi adottata l-ewwel, jista' jkun meħtieġ li jiġu introdotti xi bidliet tekniċi fil-proposta attwali biex jallinjawha mal-verżjoni emendata tar-Regolament VIS. Jekk il-proposta attwali tiġi adottata l-ewwel, xi bidliet tekniċi jistgħu jkunu meħtieġa fil-proposta li emenda r-Regolament VIS qabel l-adozzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, wara l-adozzjoni kemm tar-Regolament dwar l-EES kif ukoll tar-Regolament dwar l-ETIAS, issa huwa meħtieġ li jiġi allinjat il-mod kif l-EEAS u l-ETIAS qed jaħdmu flimkien mal-mod kif l-EES u l-VIS huma integrati għall-fini tal-proċess ta' kontroll fuq il-fruntiera u ta' reġistrazzjoni ta' qsim tal-fruntieri fl-EES. Dan se jirazzjonalizza u jissimplifika l-ħidma tal-gwardji tal-fruntieri permezz tal-implementazzjoni ta' proċedura ta' kontroll fuq il-fruntiera aktar uniformi għal ċittadini ta' pajjiż terz li jidħlu għal soġġorn qasir.

L-inizjattiva attwali, madankollu, ma tinkludix l-emendi relatati mal-Eurodac, il-bażi ta' *data* tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni irregolari, minħabba li d-diskussjonijiet għadhom ma ġewx konklużi dwar il-proposta leġiżlattiva ta' Mejju 2016 biex jissaħħa il-Eurodac<sup>14</sup>. Barra minn hekk, id-*data* disponibbli fil-Eurodac attwali mhijiex suffiċjenti għall-finjet tal-ETIAS, peress li l-Eurodac eżistenti jaħżeen biss *data* bijometrika u n-numru ta' referenza, iżda l-ebda *data* personali oħra (eż. isem/ismijiet, età, data tat-twelid) li tkun tista' tagħti kontribut għall-objettivi tal-ETIAS. Il-proposta leġiżlattiva ta' Mejju 2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurdac tfitħex li testendi l-iskop tal-bażi tad-*data* għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu illegalment u dawk li jkunu daħlu fl-UE b'mod irregolari. B'mod partikolari, hija tipprevedi għall-ħażin ta' *data* personali bħall-isem/ismijiet, l-età, id-data ta' twelid, in-nazzjonalità u d-dokumenti tal-identità. Din id-*data* tal-identità hija essenzjali biex tiżgura li l-Eurodac se jkun jista' jikkontribwixxi għall-objettivi tal-ETIAS.

Ladarba l-koleġiżlaturi jkunu laħqu ftehim politiku dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac, ir-Regolament Eurodac riformulat se jenħtieġ li jiġi ssuppliment bl-emendi meħtieġa biex jikkonnettja l-Eurodac mal-ETIAS. Addizzjonalment, ladarba l-koleġiżlaturi jadottaw il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni<sup>15</sup> għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, u wara ftehim politiku dwar il-proposta għal Regolament Eurodac riformulat, il-Kummissjoni se tapplika l-istess approċċ fir-rigward tal-emendi meħtieġa biex il-Eurodac isir parti mill-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE

<sup>14</sup> COM(2016) 272 final.

<sup>15</sup> COM(2018) 478 final u COM(2018) 480 final.

Fl-aħħar nett, skont il-Komunikazzjoni ta' April 2016 dwar “Sistemi ta’ Informazzjoni Aktar Intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà”, l-ETIAS trid tinbena abbażi ta’ użu mill-ġdid ta’ komponenti ta’ hardware u ta’ software żviluppati għall-EES<sup>16</sup>. Dan huwa wkoll l-approċċ segwit mill-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà ta’ sistemi ta’ informazzjoni<sup>17</sup>. L-iżvilupp tekniku tar-repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità u tal-portal Ewropew tat-Tfittxija kif previst mill-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà ta’ sistemi ta’ informazzjoni jista’ jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-komponenti tal-EES/ETIAS.

Din il-proposta, għalhekk, tippreżenta emendi fir-Regolament dwar l-ETIAS biex jiġi speċifikat li s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun tibni fuq il-komponenti tal-hardware u tas-software tas-Sistema Ċentrali tal-EES sabiex jiġi stabbilit repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità għall-ħażin ta’ *data* alfanumerika dwar l-identità kemm tal-applikanti tal-ETIAS u taċ-ċittadini ta’ pajiżi terzi rreġistrati fl-EES. Dan ir-repożitorju kondiviż ta’ informazzjoni dwar l-identità jista’ jkun il-bażi għall-implimentazzjoni tar-repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità ladarba l-leġiżlaturi jadottaw il-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni. Barra minn hekk, matul perjodu tranżizzjonali, qabel ma jkun disponibbli l-portal Ewropew tat-Tfittxija, l-ipproċċessar awtomatiku ta’ applikazzjonijiet tal-ETIAS jista’ joqgħod fuq strument, li jista’ jintuża bħala l-bażi għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-portal Ewropew tat-Tfittxija.

Minħabba li fil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-politiki tal-UE hemm differenzi fil-kamp ta’ applikazzjoni fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, huwa neċċesarju li jiġu adottati tliet strumenti legali separati li madankollu jaħdnu bla xkiel flimkien sabiex jippermettu l-operat u l-użu komprensiv tas-sistema.

- Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-ETIAS ġiet stabilita bir-Regolament (UE) 2018/1240<sup>18</sup>. Ir-Regolament jispeċifica l-objettivi tal-ETIAS, jiddefinixxi l-arkitettura teknika u organizzattiva tagħha, jistabbilixxi regoli dwar l-operazzjoni u l-użu tad-*data* li għandha tiddaħħal fis-sistema mill-applikant u regoli dwar il-ħruġ jew ir-rifut tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar, u jistabbilixxi l-finijiet li għalihom għandha tiġi pproċċessata d-*data*, jidentifika l-awtoritajiet awtorizzati li jaċċessaw id-*data* u jispeċifica regoli biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta’ *data* personali.

Skont ir-Regolament dwar l-ETIAS, din il-proposta tintroduċi emendi fl-atti legali li jistabbilixxu s-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE li huma meħtieġa għat-twaqqif tar-relazzjoni tagħhom mal-ETIAS. Hija żżid ukoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament dwar l-ETIAS innifisha.

Din il-proposta hija mingħajr ħsara għad-Direttiva 2004/38/KE<sup>19</sup>. Il-proposta bl-ebda mod ma temenda d-Direttiva 2004/38/KE.

- Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u mal-komunikazzjonijiet sussegamenti, inkluż il-Komunikazzjoni tal-14 ta’ Settembru 2016 “It-titjib tas-sigurtà f’dinja ta’ mobilità: Skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlied kontra t-terroriżmu u

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2226/2017 li jistabbilixxi s-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) tad-9 ta’ Diċembru 2017, ĠU L 327, p. 20.

<sup>17</sup> COM(2018) 478 final u COM(2018) 480 final.

<sup>18</sup> Ara n-nota f’qiegħ il-paġna (1).

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

fruntieri esterni li jifilħu aktar”, kif ukoll l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà<sup>20</sup> u l-ħidma u r-rapporti ta’ progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni ta’ Sigurtà effettiva u ġenwina<sup>21</sup>.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta’ din il-proposta hija magħmula mill-Artikolu 82(1)(d) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 82(1)(d) tat-TFUE jippermetti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri maħsuba biex tīgħi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-proċedimenti f’materji kriminali u tal-infurzar tad-deċiżjonijiet.

L-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE jippermetti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri rigward il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta’ informazzjoni li huma rilevanti għall-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tar-reati kriminali.

Dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet tat-trattati servew bħala bażi ġuridika għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1862 li jistabbilixxi s-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali. Huma jservu wkoll bħala bażi ġuridika għal din il-proposta biex jiġi emendat dan ir-regolament.

L-Artikolu 82(1)(d) tat-TFUE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet huwa previst ukoll bħala bażi ġuridika għall-proposta dwar l-ECRIS-TCN li dwarha ntlaħaq ftehim politiku bejn il-koleġiżlaturi. Huwa wkoll, għalhekk, il-bażi ġuridika għal din il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament ECRIS-TCN jekk wieħed jassumi li dan tal-aħħar se jiġi adottat.

### • Sussidjarjetà

Il-Proposta tħalli l-emendi tar-Regolamenti li jistabbilixxu sistemi ta’ informazzjoni fl-UE kollha biex jiġu ġestiti l-fruntieri esterni u s-sigurtà ta’ qasam mingħajr kontrolli fil-fruntieri esterni. Sistemi ta’ teknoloġija tal-informazzjoni bħal dawn jistgħu, fin-natura tagħhom, jiġu stabbiliti biss fil-livell tal-UE, u mhux mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom.

### • Proporzjonalità

Il-proposta tkompli telabora dwar prinċipji digħi stabbilit mil-leġiżlatur fir-Regolament dwar l-ETIAS.

Dan isir evidenti mill-elementi li ġejjin.

L-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward ta’ skambji ta’ *data* bejn l-ETIAS u kull waħda mis-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE oħra jn-hu konformi mal-iskambji ta’ *data* previsti mill-Artikoli 20 u 23 tar-Regolament dwar l-ETIAS.

L-għoti ta’ drittijiet ta’ aċċess għal *data* dwar l-identità fis-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE (EES, VIS, SIS, ECRIS-TFCN) mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS jaqa’ fi ħdan il-kamp ta’

<sup>20</sup> COM(2015) 185 final.

<sup>21</sup> COM(2018) 470 final.

applikazzjoni tar-responsabbiltajiet assenjati lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS skont l-Artikoli 7, 22 u 75 tar-Regolament dwar l-ETIAS.

L-għoti ta' drittijiet ta' aċċess għal sistemi ta' informazzjoni oħrajn tal-UE għall-ipproċessar manwali tal-applikazzjonijiet mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jaqgħu fl-ambitu tar-reponsabbiltajiet assenjati lill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS skont l-Artikolu 8 u l-Kapitolo IV tar-Regolament dwar l-ETIAS.

Inkużha f'din il-proposta, l-inklużjoni ta' allerti li jirrigwardaw il-kontrolli ta' investigazzjoni hija koerenti mad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ tal-objettivi tas-SIS fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar l-ETIAS.

Din il-proposta hija proporzjonata minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f'termini ta' azzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi.

- **Għażla tal-istrument**

Huwa propost Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-leġiżlazzjoni proposta tindirizza l-operat tas-sistemi ta' informazzjoni ċentrali tal-UE għall-fruntieri u għas-sigurtà, li lkoll ġew stabbiliti - jew huma proposti biex jiġu stabbiliti - skont ir-Regolamenti. Bħala konsegwenza, huwa biss Regolament li jista' jintgħażel bħala strument legali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tal-ETIAS ġiet żviluppata fuq il-bażi ta' studju ta' fattibilità. Bħala parti minn dan l-istudju, il-Kummissjoni ġabret l-opinjonijiet ta' esperti tal-Istati Membri dwar il-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà. Barra minn hekk l-elementi ewlenin tal-proposta tal-ETIAS ġew diskussi fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-interoperabilità li twaqqfet bħala segwitu tal-Komunikazzjoni dwar il-Fruntieri Intelliġenti u iktar B'saħħithom tas-6 ta' April 2016. Saru konsultazzjonijiet ukoll ma' rappreżentanti minn trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-ferrovija, kif ukoll ma' rappreżentanti ta' Stati Membri tal-UE bi fruntieri esterni fuq l-art. Bħala parti mill-istudju ta' fattibilità, saret ukoll konsultazzjoni mal-Аġenzija tad-Drittijiet Fundamentali.

Din il-proposta tintroduċi biss bidliet tekniċi limitati, li jirriflettu d-dispożizzjonijiet li huma digħi stabbiliti fir-Regolament dwar l-ETIAS. Dawn l-aġġustamenti tekniċi limitati ma jiġiustifikawx li jkun hemm konsultazzjonijiet separati mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta mhijiex sostnuta minn valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta hija koerenti mar-Regolament dwar l-ETIAS, li l-proposta tiegħu kienet ibbażata fuq ir-riżultati tal-istudju ta' fattibbiltà mwettaq minn Ġunju sa Ottubru 2016.

Peress li din il-proposta ma tinkludix elementi politiċi ġodda iż-żda sempliċiement tintroduċi bidliet tekniċi limitati, li jirriflettu dispożizzjonijiet li huma digħi stabbiliti fir-Regolament dwar l-ETIAS, valutazzjoni tal-impatt mhijiex meħtieġa.

#### **Drittijiet fundamentali**

Meta mqabbla mar-Regolament dwar l-ETIAS, din il-proposta tispeċifika biss f'aktar dettall liema *data* trid titqabel ma' liema *data* f'sistemi ta' informazzjoni oħrajn tal-UE u tiprovd i l-emendi

meħtieġa rigward id-drittijiet ta' għoti ta' aċċess għal dawn is-sistemi l-oħrajn lill-Unitajiet Ċentrali u Nazzjonali tal-ETIAS. Għalhekk, din il-proposta tikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali, u hija konformi wkoll mal-Artikolu 16 tat-TFUE li jiggħarantixxi lil kulħadd id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardahom.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

##### **• Parteċipazzjoni**

Din il-proposta, sa fejn hija intiża biex temenda r-Regolament li jistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija u mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, u dan jaffettwa l-applikazzjoni tal-protokolli (Nru 19) u (Nru 22) tat-TUE u tat-TFUE kif ukoll tal-ftehimiet mal-pajjiżi assoċjati.

Sa fejn hija intiża biex temenda r-Regolament li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi (ECRIS-TCN), hija għandha konsegwenzi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-protokolli (Nru 21) u (Nru 22); ma hemm l-ebda ftehim ma' pajjiżi assoċjati f'dan il-qasam.

Il-konsegwenzi huma kif ġej, ippreżentati skont il-pajjiż.

Id-Danimarka: F'dak li għandu x'jaqsam mas-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija) skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattati, id-Danimarka għandha tiddeċiedi, fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex se timplimenta din il-proposta, li tibni fuq l-acquis ta' Schengen, fid-dritt nazzjonali tagħha. F'dak li jikkonċerna l-ECRIS-TCN, din il-proposta ma tapplikax għad-Danimarka, fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 22.

Ir-Renju Unit: Fir-rigward tas-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija), skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 19) u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, rigward it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq li tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, ir-Renju Unit huwa marbut b'dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-ECRIS-TCN, l-Artikolu 3 u 4a tal-Protokoll (Nru 21) jaġħtu lir-Renju Unit il-fakultà li jagħżel il-miżura proposta.

L-Irlanda: Fir-rigward tas-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija), skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 19) u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, l-Irlanda hija marbuta b'din il-miżura. Fir-rigward tal-ECRIS-TCN, l-Artikolu 3 u 4a tal-Protokoll (Nru 21) jaġħtu lill-Irlanda l-fakultà li tipparteċipa fil-miżura proposta; dan ikun jeħtieġ li l-Irlanda tipparteċipa fir-regolament dwar l-ECRIS-TCN li huwa propost li jemenda, kif ukoll fl-acquis ta' ECRIS.

Il-Bulgarija u r-Rumanija: F'dak li jikkonċerna s-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija), dan ir-Regolament propost jikkostitwixxi att li jibni fuq l-aquis ta' Schengen, jew li huwa relatati miegħu, fit-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005. Dan ir-regolament propost għandu jinqara b'rabta mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 li li daħħlet fis-seħħ, soġġett għal xi restrizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen

relatati mas-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen fil-Bulgarija u fir-Rumanija. F'dak li jirrigwarda l-ECRIS-TCN, il-Bulgarija u r-Rumanija mhumiex differenti minn Stati Membri oħrajn.

Ċipru u l-Kroazja: F'dak li jirrigwarda l-użu tas-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija), dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew inkella huwa relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u l-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011, rispettivament. Fir-rigward tal-Kroazja, din għandha tinqara b'rabbta mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja<sup>22</sup>. Fir-rigward tal-ECRIS-TCN, Ċipru u l-Kroazja mhumiex differenti minn Stati Membri oħra.

Pajjiżi Assoċjati: Fuq il-bażi tal-ftehimiet rispettivi li jassoċjaw dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein huma marbuta bir-Regolament propost sa fejn huwa jikkonċerna r-Regolament dwar is-SIS (kooperazzjoni tal-pulizija).

---

<sup>22</sup>

ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31.

## Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 u r-Regolament (UE) ssss/xxx [ECRIS-TCN]**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1)(d) u l-Artikolu 87(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>23</sup>,

Wara li kkunsdraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>24</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup> stabbilixxa s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) għan-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni. Huwa stabbilixxa l-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex tinħareġ jew tiġi mīchuda awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.
- (2) L-ETIAS tippermetti kunsiderazzjoni dwar jekk il-preżenza ta' ġġidni ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri tistax toħloq riskju ta' sigurtà, ta' immigrazzjoni illegali jew riskju epidemiku kbir.
- (3) Sabiex tippermetti l-verifika msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1240, jeħtieġ li tiġi stabilita l-interoperabbiltà msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Mingħajr din l-interoperabbiltà, l-ETIAS ma tistax tibda l-operazzjonijiet tagħha.
- (4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi kif din l-interoperabbiltà u l-kundizzjonijiet għall-konsultazzjoni tad-data maħażuna f'sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u d-data tal-Europol mill-proċess awtomatizzat tal-ETIAS għall-finijiet li jiġu identifikati l-hits għandhom jiġi implementati. Riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/1862 (Pulizija tas-SIS)<sup>26</sup>, u (UE)

<sup>23</sup> ĠU C , , p. .

<sup>24</sup> ĠU C , , p. .

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-

ssss/yyyy (ECRIS-TCN)<sup>27</sup> sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tīgi konnessa ma' sistemi ta' informazzjoni oħrajn tal-UE u ma' *data* tal-Europol u biex tīgi spēcifikata d-*data* li se tintbagħat lejn u minn dawk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u *data* tal-Europol.

- (5) Skont l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) 2018/1240, meta r-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013<sup>28</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill se tīgi adottata, l-emendi konsegwenzjali meħtieġa se jiġu adottati.
- (6) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, jenħtieġ li l-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240, jużaw mill-ġdid komponenti ta' hardware u ta' software żviluppati għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES") għall-iż-żvilupp tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. Dan ir-repożitorju użat għall-ħażna ta' *data* alfanumerika kemm tal-applikanti tal-ETIAS u ta' ċittadini ta' paxjiż terz ir-reġistrati fl-EES, jenħtieġ li jiġu żviluppati b'mod li jippermetti l-estensjoni tiegħu biex isir ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità. Fl-istess spiritu, l-għoddha li għandha tīgi stabbilita biex tippermetti lill-ETIAS tkun tista' tqabbel id-*data* tagħha ma' dik ta' kull sistema oħra kkonsultata permezz ta' domanda waħda mressqa għandha tīgi żviluppatu b'mod li jippermetti l-evoluzzjoni tagħha biex issir il-Portal Ewropew tat-Tfittxija tal-ġejjeni.
- (7) Il-modalitajiet tekniċi jenħtieġ li jiġu ddefiniti biex jippermettu lill-ETIAS tivverifika regolarment u awtomatikament f'sistemi oħra jekk il-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-fajls tal-applikazzjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1240, għadhomx issodisfati.
- (8) Jeħtieġ, bl-ġħan li jiġi żgurat il-ksib sħiħ tal-objettivi tal-ETIAS, kif ukoll biex jitkomplew l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS"), li tiġi inkluża fil-verifikasi awtomatizzati kategorija ġidha ta' allerti introdotta mir-reviżjoni riċenti tas-SIS, jiġifieri l-allerti ta' persuni li jridu jiġu soġġetti għal kontrolli ta' investigazzjoni.
- (9) L-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tista' tīgi revokata wara r-reġistrazzjoni fis-SIS ta' allerti ġodda dwar ir-rifut ta' dħul u ta' soġġorn, jew rigward dokument tal-ivvjaġġar rapportat bħala mitluf, misruq, miżapproprijat jew invalidat. Sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun informata awtomatikament mis-SIS dwar allerti ġodda bħal dawn, jenħtieġ li jiġi stabbilit proċess awtomatiku bejn is-SIS u l-ETIAS.
- (10) Skont ir-Regolament (UE) 2018/yyyy tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup> [ECRIS-TCN] u f'konformità mal-intenzjoni expressa fir-Regolament (UE) 2018/1240, jenħtieġ li l-ETIAS tkun tista' tivverifika jekk jeżistux korrispondenzi bejn id-*data* fil-fajls tal-applikazzjoni tal-ETIAS u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar Rekords

---

<sup>27</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) SSSS/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill... (ĠU L , , p. ).

Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta’ marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbi biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali d-depożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ paxjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma’ *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liggi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta’ infurzar tal-liggi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Agġenċija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

<sup>29</sup> [Ir-Regolament (UE) ssss/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ....(ĠU L , , p. )]

Kriminali – *data* ta’ Ċittadini ta’ Pajjiż Terz (“ECRIS-TCN”) fir-Repożitorju Komuni ta’ Informazzjoni dwar l-Identità (“CIR”) li dwarhom l-Istati Membri għandhom informazzjoni dwar kundanni dwar ġittadini ta’ pajjiż terz u persuni apolidi għal reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.

- (11) Il-kundizzjonijiet skont liema l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw *data* maħżuna f’sistemi ta’ informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS jenħtieġ li jiġu salvagwardjati permezz ta’ regoli ċari u preċiżi rigward l-aċċess mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għad-*data* maħżuna f’sistemi ta’ informazzjoni tal-UE oħrajn, it-tip ta’ domandi u kategoriji ta’ *data*, li kollha kemm huma jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-prestazjoni tal-obbligli tagħhom. Bi-istess mod, id-*data* maħżuna fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS jenħtieġ li tkun viżibbli biss għal dawk l-Istati Membri li qed joperaw is-sistemi ta’ informazzjoni sottostanti f’konformità mal-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom.
- (12) Skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali ta’ sistemi ta’ informazzjoni fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (“eu-LISA”), stabilita mir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup> jenħtieġ li tkun responsabbli għall-fażi ta’ tfassil u żvilupp tas-Sistema ta’ Informazzjoni tal-ETIAS.
- (13) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/38/KE<sup>31</sup>.
- (14) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tiddeċiedi, fi żmien perjodu ta’ sitt xħur wara li l-Kunsill jkun iddeċċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex se timplimenta din il-proposta, li tibni fuq l-acquis ta’ Schengen, fid-dritt nazzjonali tagħha. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu relatati mal-ECRIS-TCN, id-Danimarka, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (15) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, ir-Renju Unit huwa marbut b’dan ir-Regolament skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll tal-acquis ta’ Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta’ Mejju 2000, rigward it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq li jieħu sehem f’xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen<sup>32</sup>. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw l-ECRIS-TCN, ir-Renju Unit jista’ jinnotifka lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE.

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

<sup>31</sup> ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

<sup>32</sup> ĠU L 131, 1. 6. 2000, p. 43.

- (16) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, l-Irlanda hija marbuta b'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen<sup>33</sup>. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw l-ECRIS-TCN, l-Irlanda tista' tinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE.
- (17) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relata, mal-acquis ta' Schengen, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005. F'dan ir-rigward, ir-Regolament għandu jinqara flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/EU<sup>34</sup> u 2018/934<sup>35</sup>, li soġġett għal xi restrizzjonijiet, dħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-Bulgarija u fir-Rumanija.
- (18) Dwar Ċipru u l-Kroazja, sakemm id-dispożizzjonijiet tagħħom ikunu relatati mas-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relata mal-acquis ta' Schengen, fis-sens, rispettivament, tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011. Fir-rigward tal-Kroazja, ir-Regolament għandu jinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733<sup>36</sup> li, soġġetta għal xi restrizzjonijiet, dħħlet fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-Bulgarija u fir-Rumanija.
- (19) Fir-rigward tal-Iżlanda u tan-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardaw is-SIS kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen<sup>37</sup>, li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, il-punt (G) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE<sup>38</sup>.
- (20) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardaw is-SIS kif irregolata mir-Regolament (UE)

<sup>33</sup> ĠU L 64, 7. 3. 2002, p. 20.

<sup>34</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17).

<sup>35</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

<sup>36</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

<sup>37</sup> [ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.](#)

<sup>38</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

2018/1862, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen<sup>39</sup>, li jaqgħu fil-qasam tal-Artikolu 1, il-punt (G) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE<sup>40</sup>.

- (21) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tiegħu relatati mas-SIS, kif irregolata mir-Regolament (UE) 2018/1862, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen<sup>41</sup> li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (G) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE<sup>42</sup>.
- (22) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/1862 (Pulizija tas-SIS) u (UE) ssss/xxx [ECRIS-TCN] jiġu emendati.
- (23) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### ***Emendi fir-Regolament (UE) 2018/1862 (SIS- Pulizija)***

- (1) fil-Kapitolo III, l-Artikolu li ġej huwa miżjud:

<sup>39</sup> [ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52](#).

<sup>40</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1](#)).

<sup>41</sup> [ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21](#).

<sup>42</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatati mal-abolizzjoni tal-verifikasi mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni ([ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19](#)).

<sup>43</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39](#)).

*“Artikolu 18a*  
**Iż-żamma ta’ reġistri għall-fini tal-interoperabbiltà mal-ETIAS**

Ir-reġistri għal kull operazzjoni tal-ipproċessar tad-data mwettqa fi ħdan is-SIS u l-ETIAS skont l-Artikolu 50a u 50b għandhom jinżammu f'konformità mal-Artikolu 18 ta’ dan ir-Regolament u l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.\*

---

\* Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

- (2) Fl-Artikolu 44(1), jiżdied il-punt li ġej:  
“(f) ipproċessar manwali ta’ applikazzjonijiet tal-ETIAS mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240.”;
- (3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*“Artikolu 50 a*  
**Aċċess għad-data tas-SIS mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS**

1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Агенту Европейской Гвардии тал-Фронтира и тал-Коста f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-kompli tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt ta’ aċċess u ta’ tfittix ta’ data rilevanti mdaħħla fis-SIS. L-Artikolu 50(4) sa (8) għandu japplika għal dan l-aċċess u r-riċerka.
2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS tikkonferma l-korrispondenza tad-data rreġistrata fil-fajls ta’ applikazzjoni tal-ETIAS għal allert fis-SIS, għandhom japplikaw l-Artikoli 23, 24 u 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240.

*Artikolu 50b*

**Interoperabbiltà mal-ETIAS skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240**

1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tas-SIS għandha tīgħi konnessa mal-istrument imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu.
2. L-ipproċessar awtomatiku msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifikasi pprovduti fl-Artikoli 20, 23, l-Artikolu 24(6)(c)(ii), l-Artikolu 41 u l-Artikolu 54(1)(b) u l-verifikasi sussegwenti previsti fl-Artikoli 22, 23 u 26 ta’ dan ir-Regolament.
3. Għall-fini tal-verifikasi msemmija fl-Artikolu 20(2)(a), (d) u (m)(i) u l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-għodda msemmija fl-Artikolu 11 ta’ dan ir-Regolament biex tqabbel id-data msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament 2018/1240 għal data fis-SIS, skont l-Artikolu 11(8) ta’ dan ir-Regolament.

4. Meta tfitxi minn rapporti tal-ETIAS tirrapporta hit waħda jew diversi skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatika lill-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li jkun daħħal it-twissija skont l-Artikolu 23(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

Meta allert ġdid imsemmi fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 jiddaħħal fis-SIS dwar dokumenti tal-ivvjaġġar, rapportati misruqa, miżapprorpjati, mitluba jew invalidati, is-SIS għandha tittrażżmetti l-informazzjoni dwar dan l-allert, bl-użu ta' ipproċessar awtomatizzat u tal-għodda msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, sabiex tivverfika jekk dan l-allert il-ġdid jikkorrispondix għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar eżistenti.”;

## *L-Artikolu 2*

### ***Emendi fir-Regolament (UE) ssss/yyyy [ECRIS-TCN]***

Ir-Regolament ssss/yyyy (Regolament dwar l-ECRIS-TCN) huwa emendat kif ġej<sup>4445</sup>:

- (1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

“(d) Il-kundizzjonijiet skont liema *d-data* inkluża fis-sistema ECRIS-TCN tista' tintuża għall-fini tal-ġestjoni tal-fruntieri skont ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jiastabilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

- (2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *“Artikolu 2 Kamp ta’ applikazzjoni*

Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tal-informazzjoni dwar l-identità għal ċittadini ta' pajjiż terz li ġew soġġetti għal kundanni fl-Istati Membri għall-fini tal-identifikazzjoni tal-Istat(i) Membri fejn ingħataw tali kundanni, kif ukoll għall-finijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri [u b'kontribuzzjoni għall-iffaċilitar u l-assistenza tal-identifikazzjoni korretta ta' persuni].

Bl-eċċeżżjoni tal-punt (ii) tal-Artikolu 5(1)(b), id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li japplikaw għal ċittadini ta' pajjiż terz japplikaw ukoll għal ċittadini tal-Unjoni li huma wkoll fil-pussess ta' ċittadinanza ta' pajjiż terz u li ġew soġġetti għal kundanni fl-Istati Membri.”;

---

<sup>44</sup> Dawn l-emendi jieħdu kont tal-Proposta tal-Kummissjoni, COM(2017) 344 final.

<sup>45</sup> In-numerazzjoni tieħu kont tal-emenda ta' dan ir-Regolament magħmulha mill-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, ażil u migrazzjoni), COM (2018) 480 final.

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:
- “(f) “awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet ċentrali u l-korpi tal-Unjoni (Eurojust, Europol, l-Uffiċċeju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS stabbilita fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta) li għandhom il-kompetenza li jaċċessaw jew ifittxu fis-sistema ECRIS-TCN skont dan ir-Regolament;”;
- (b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:
- “(t) reati terroristiċi” tfisser ir-reat li jkun jikkorrisondi jew li jkun ekwivalenti għal dawk imsemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*;
- (u) “reat kriminali serju” tfisser reat li jikkorrispondi jew li huwa ekwivalenti għal xi wieħed mir-reat msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI\*\*, jekk ikun punibbli skont il-liggi nazzjonali b'sentenza ta' kustodja jew b'ordni ta' detenżjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin;

---

\* Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

\*\* Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1);

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
- “(c) fejn japplika, marka li tindika li l-persuna kkonċernata tkun ġiet ikkundannata għal reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor, u f'dawk il-każijiet il-kodiċi tal-Istat(i) Membru/Membri tal-kundanna.”;
- (b) Il-paragrafu 1a jinbidel b'dan li ġej:
  - “1a. [Is-CIR għandu jinkludi d-data msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2, kif ukoll id-data li ġejja msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1: il-kunjom (isem il-familja); l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)); id-data tat-twelid; il-post tat-twelid (belt u pajjiż); in-nazzjonaliità jew nazzjonaliità; il-ġeneru; it-tip u n-numru tad-dokument(i) tal-ivvjaġġar tal-persuna, kif ukoll l-isem tal-awtorità emittenti tad-dokument; u fejn japplika l-ismijiet, il-psewdonimu/il-psewdonimi u/jew il-laqmijiet, kif ukoll il-każijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1, il-kodiċi tal-Istat Membru tal-kundanna. Id-data tal-ECRIS-TCN li fadal għandha tiġi maħżuna fis-Sistema Ċentrali ECRIS-TCN,]”;

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 huwa ssostitwit kif ġej:

“5. F’każ ta’ hit, Sistema Ċentrali [jew is-CIR] għandhom jipprovdu awtomatikament lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni dwar l-Istat(i) Membru/Membri li huwa/huma fil-pussess ta’ informazzjoni dwar ir-rekord kriminali dwar iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, flimkien man-numru/numri ta’ referenza assoċjat(i) imsemmi fl-Artikolu 5(1) u kwalunkwe informazzjoni korrispondenti dwar l-identità. Tali informazzjoni dwar l-identità għandha tintuża biss għall-għan ta’ verifika tal-identità taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat. Ir-riżultat ta’ tfittxja fis-Sistema Ċentrali jista’ jintuża biss għall-finji li ssir talba skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, talba msemmija fl-Artikolu 16(4) ta’ dan ir-Regolament, jew għall-finijiet ta’ ġestjoni tal-fruntieri [u l-iffaċilitar u l-assistenza fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-sistema ECRIS-TCN]”;

(6) fil-Kapitolu III, l-artikolu li ġej huwa miżjud:

*“Artikolu 7a*  
***Użu tas-sistema ECRIS-TCN għall-verifikasi tal-ETIAS***

1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jkollha, għall-fini tal-prestazzjoni tal-kompli tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt ta’ aċċess u ta’ tfittix ta’ *data* ECRIS-TCN fis-[CIR]. Madankollu, hija għandu jkollha aċċess biss għar-rekords tad-*data* li magħhom żidied marka skont l-Artikolu 5(1)(c) ta’ dan ir-Regolament.
2. Is-[CIR] għandu jiġi konness mal-għodda msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f’dan l-Artikolu.
3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifikasi previsti fl-Artikolu 20 u l-verifikasi sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta’ dan ir-Regolament.

Għall-fini tal-proċediment għall-verifikasi tal-Artikolu 20(2)(n) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-għodda msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 biex tqabbel id-*data* fl-ETIAS immarkata fl-ECRIS-TCN [fis-CIR], skont l-Artikolu 5(1)(c) ta’ dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament 2018/1240, u bl-użu tal-korrispondenzi elenkti fit-tabella fl-Anness II.”;

(7) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

2. Hekk kif jiskadi l-perjodu ta’ żamma msemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tħassar ir-rekord tad-*data*, inkluż kwalunkwe marki tas-swaba’, immagħiġiet tal-wiċċ jew marki kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c), mis-Sistema Ċentrali [u s-CIR]. F’dawk il-każiġiet fejn id-*data* relatata ma’ kundanna ta’ reat terroristiku jew forma oħra ta’ reat serju kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c) hija mħassra mir-rekord kriminali nazzjonali, iżda l-informazzjoni dwar kundanni oħra tal-istess persuna tinżamm, għandha titneħħa biss il-marka msemmija fl-Artikolu 5(1)(c) mir-rekord tad-*data*. Dan it-tħassir għandu jseħħi awtomatikament, meta jkun

possibbli, u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn xahar wara l-iskadenza tal-perjodu taż-żamma.”;

(8) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Id-data inkluża fis-Sistema Ċentrali [u fis-CIR] għandha tkun ipproċessata biss għall-fini tal-identifikazzjoni tal-Istat(i) Membru/Membri li jkollu/jkollhom informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għall-finijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri [kif ukoll biex tiffaċilita u tassisti fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fis-sistema ECRIS-TCN.]”;

(9) fl-Artikolu 30(4), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Kull xahar, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni statistaika mingħajr ma tippermetti l-identifikazzjoni individwali relatata mal-irreġistrar, il-ħażna u l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali permezz tas-sistema ECRIS-TCN u l-implementazzjoni ta' referenza ECRIS, inkluż fir-rekords tad-data li jinkludu marka skont l-Artikolu 5(1)(c).”

(10) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*“Artikolu 29a  
Żamma ta' reġistri għall-fini tal-ETIAS*

“Għall-konsultazzjonijiet elenkti fl-Artikoli 7a ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rreġistrata kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data tal-ECRIS-TCN imwettqa fi ħdan [is-CIR] u l-ETIAS f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.”;

(11) jiżdied l-anness li ġej:

“Anness III

Tabella ta' korrispondenzi msemmija fl-Artikolu 7a

<b>Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS</b>	<b>Id-data li tikkorrispondi mal-ECRIS- TCN tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir- Regolament [fis-CIR] li d-data tal- ETIAS jenħtieġ li tiġi vverifikata magħha</b>
il-kunjom (isem il-familja)	il-kunjom (isem il-familja)
il-kunjom mat-twelid	l-isem/ismijiet preċedenti
l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));	l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));
ismijiet oħra (pseudonimu/i, isem/ismijiet artistiku/ċi, isem/ismijiet tas-soltu);	pseudonimu u/jew laqam/laqmijiet
id-data tat-twelid	id-data tat-twelid
il-post tat-twelid	il-post tat-twelid (belt u pajjiż)
il-pajjiż tat-twelid	il-post tat-twelid (belt u pajjiż)
sess	il-ġeneru
ċittadinanza attwali	in-nazzjonalitajiet jew nazzjonalitajiet

nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm)	nazzjonalità jew nazzjonalitajiet
it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	it-tip ta' dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna
numru tad-dokument tal-ivvjaġġar	in-numru(i) tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna
il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar	isem l-awtorità tal-ħruġ

**”1**

### *Artikolu 3*

#### ***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-data stabbilita f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*